**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2002

Citazzjoni numru 1397/98 AJM

Kawza numru

John, Joseph, Nazzareno u Anthony ahwa Ciantar, Julie Seguna, Tessie Briffa, Bernardette Saliba, Rita Rogers u Francesca Chircop

Vs

Mario, Maria Carmela ahwa Ciantar, Cherubina Mamo u Catherine Farrugia

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata presentata fil-25 ta' Gunju 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi George u Cherubina konjugi Ciantar mietu fit-23 ta' Dicembru 1992 u fit-23 ta' Mejju 1998 rispettivament; illi d-decujus hallew testment 'unica carta' datat 2 ta' Gunju 1998 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja; illi skond dan it-testment il-kontendenti thallew bhala eredi universali tal-mejta George u Cherubina konjugi Ciantar minbarra Francesca Chircop u Rita Rogers li

thallew biss il-legittima; illi l-atturi,minbarra Francesca Chircop u Rita Rogers, irrinunzjaw ghall-wirt imsemmi permezz ta' nota presentata fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Gunju 1998; illi skond l-artikolu 616 (1) tal-Kodici Civili irid jigi assenjat lill-atturi il-porzjon rizervata mil-ligi bhala legittima; talbu li din il-Qorti:-

1. li tigi ghall-finijiet ta' legittima likwidata minn din il-Qorti l-assi tal-imsemmija George u Cherubina konjugi Ciantar konsistenti f'dak kollu li jkun jirrizulta spettanti lilhom;
2. tillikwida u tassenja lill-atturi l-porzjoni rizervata lilhom mil-ligi bhala legittima mill-assi ereditarji ta' George u Cherubina konjugi Ciantar u dan okkorrendo l-htiega li jsir il-bejgh in licitazzjoni tal-fond 107, Carmel Street, Zurrieq li huwa l-unika assi ta' sustanza formanti parti mill-eredita' giacenti.

Bl-ispejjes u l-imghax u l-konvneuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fis-27 ta' Ottubru 1998li permezz taghha eccepew:-

1. In-nullita' tac-citazzjoni stante li hija legalment inkoncepibbli peress illi l-bejgh in licitazzjoni hija rimedju ghall-attur fil-kaz illi t-talba tieghu tintlaqa' u l-konvenuti ma ikunux ottemperaw rwiehom mas-sentenza tal-Qorti. Inoltre t-talba kif inhi dedotta ma tregiex stante illi qabel ma jigi deciz x'inhi il-legittima spettanti lill-atturi trid issir il-likwidazzjoni ta' l-assi ereditarji tal-mejtin George u Cherubina Ciantar, haga li ma intalbitx.

2. Illi l-fond 107, Carmel Street, Zurrieq inghata b'uzu u uzufrutt lil Maria Carmena Ciantar, konvenuta fil-kawza odjerna u ghalhekk it-talba tal-legittimarju tista' biss tinkwadra ruhha fid-dawl ta' dak illi hemm dispost fl-artikolu 621 tal-Kodici Civili.

3. Illi l-fond 107, Carmel Street, Zurrieq thalla b'legat ghall-servigi rezi lil dawk il-persuni illi jkunu daru b'bint it-testaturi Maria Carmena Ciantar sal mewt taghha. Illi ghalhekk dan jitqies bhala dejn fuq l-assi ereditarji u ma jista' qatt jigi nkluz fil-komputazzjoni tal-legittima spettanti lill-atturi mill-assi ereditarji tal-genituri taghhom.

4. Illi l-atturi jriedu jipprovaw illi fir-rinunzja li huma ghamlu ghall-eredita' tal-genituri taghhom huma espressament zammew ferm id-dritt taghhom illi jfittxu ghal-legittima a tenur ta' l-artikolu 861 tal-Kodici Civili.

5. Illi r-rinunzja tal-wirt mhijiex legalment valida u dana peress illi kienu ghaddew iktar minn tlett xhur wara l-ftuh tas-successjoni tal-mejtin George u Cherubina Ciantar meta l-atturi irrinunzjaw ghall-wirt tal-genituri taghhom u ghalhekk huma ma ghandhom l-ebda dritt jaghmlu l-kawza odjerna. Dana qieghed jinghad specjalment fil-konfront ta' John Ciantar illi kellu l-pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma ghamilx dak li kien rikjest minnu bil-ligi.

6. Illi l-konvenuti ma jistghux effettivament jaghmlu dak li qed jigi mitlub lilhom stante illi l-pussess tal-assi ereditari kollha tal-mejtin George u Cherubina Ciantar illum jinsabu kollha fil-pussess ta' l-attur John Ciantar. Illi ghalhekk it-talba ta' l-atturi ma tistax tintlaqa qabel ma l-attur John Ciantar jirrilaxxa l-assi ereditarji kollha illi ghandu fil-pussess tieghu.

7. Illi fi kwalunkwe kaz l-atturi kollha jridu jippruvaw l-interess taghhom fil-kawza odjerna.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Marzu 2000 meta awtorizzat l-korrezzjoni tac-citazzjoni in vista ta' l-ewwel eccezzjoni solevata mill-atturi u ordnat n-notifika mil-gdid tal-kontro parti. Rat ukoll l-verbal ta' l-udjenza tal-4 ta' April 2000 meta l-konvenuti taw ruhhom b'notifikati bic-citazzjoni kif korretta u kwindi l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat in-nota ta' John Ciantar tat-28 ta' Settembru 2001 li permezz taghha ceda t-talbiet tieghu fil-proceduri odjerni stante transazzjoni.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Marzu 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti.

Hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Bir-raba' artikolu tat-testment unica carta tal-konjugi Ciantar tat-2 ta' Gunju 1992 (Dok c fol 5) gie dispost hekk:-
"Il-komparenti testaturi qed ihallu b'titolu ta' legat in assoluta proprjeta' l-fond numru mija u sebgha (107) Carmel Street, Zurrieq, eskluzi l-mobbli ezistenti fl-istess post lil dak/dawk minn uliedhom jew terzi li jiehdu hsieb tal-imsemmija binthom (*Maria Carmela Ciantar*) sal mewt. Jiehdu hsieb tfisser li f'kaz ta bzonn dik il-persuna li qed tiehu hsieb lill-imsemmija binthom Maria Carmela Ciantar tmur toqghod maghha

jew vice versa u cioe Maria Carmela Ciantar tmur toqghod maghha/maghhom hi u dan sal mewt."

Ghalkemm ghadhom ma ngiebux provi dwar il-konsistenza tal-assi tal-mejtin konjugi Cianatar, jidher li l-fond mertu tal-legat fuq imholli, jifforma parti rilevanti u sostanzjali mill-assi tal-istess konjugi b'mod li tali lascitu jista' jolqot avversament d-drittijiet legittimarji ta' dawk mill-eredi li rrinunzjaw ghall-wirt. Hija ghalhekk importanti d-determinazzjoni tat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti li jsostnu li l-legat imholli bl-artikolu tat-testment fuq citat huwa wiehed remuneratorju u konsegwentement huwa ekwivalenti ghall-dejn tal-assi ereditarji u bhala tali ma ghandux jigi kunsidrat fil-komputazzjoni tal-legittima reklamata mill-atturi. Naturalment l-atturi joggezzjonaw ghal tali argument u  jsostnu li dan il-lascitu ma jistax jigi ekwiparat ghal-legat remuneratorju billi tezisti kundizzjoni sospensiva fl-istezitura tal-istess legat, b'mod li l-istess legat jiddipendi minn avveniment futur. Inoltre l-istess atturi jsostnu li anke jekk, ghal grazzja tal-argument, dan il-legat kellu jigi kunsidrat bhala wiehed remuneratorju, d-dritt taghhom ghal dik il-parti mill-assi ereditarji riservata skond il-ligi, ma tistax tigi leza.

Illi, qabel xejn ghandu jinghad li l-gurisprudenza nostrana hija univoka f'materja ta' interpretazzjoni ta' testmenti. Infatti jinghad li bhala regola generali l-volonta tat-testatur ghandha tigi rispettata u b'hekk kull lascitu ghandu jorbot lill-eredi ta' dak it-testatur. Izda, ghalkemm din il-volonta tat-testatur ma ghandhiex tkun inxekkla, din trid dejjem tirrispetta d-drittijiet tal-legittimarji jew il-beneficjari ta' kull kwota riservata. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et" (22/5/1950 per Dr. A.

Camilleri j. Vol XXXIV.II.574) f'dan ir-rigward esprimiet ruhha hekk: "*Il-legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus. U ghalhekk, meta d-decujus jhalli xi legat, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima li tigi assenjata lilu. Dak il-legat ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni biss ghall-finijiet tal-kalkolu tal-legittima, u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni tieghu fil-kaz li tigi leza l-legittima. Imma sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli, dak il-legat jibqa' jsehh.*"

Il-legat imholli bl-artikolu (4) tat-testment unica carta tal-konjugi Ciantar ma giex istitwit favur persuna determinata u cioe imsemmija fit-testment. In effetti l-fond gie mwieghed lil dik il-persuna "ghalissa mhux maghrufa", li tista tkun ukoll mhux iben id-decujus, li tiehu hsieb Maria Carmela Ciantar sad-data tal-mewt taghha. Dan ifisser li mal-apertura tas-successjoni il-beneficjarju ta' dan il-legat kien incert u fil-fatt jibqa' incert sad-data tal-mewt ta' l-istess Maria Carmela Ciantar. It-testaturi, b'dan il-legat, mhux qedin jikkompensaw xi wiehed jew wahda minn uliedhom jew sahansitra terz, ghal dak li din il-persuna setghet ghamlet maghhom izda pjuttost qedin jimponu obbligu fuq l-eredi, bhala l-persuni responsabbli li jezegwixxu l-volonta tat-testatur, li, fi stadju futur jikkumpensaw lil dik il-persuna li tkun ezegwit l-kundizzjoni imposta fl-istess artikolu testamentarju. Jista' ghalhekk jigri li fid-data tal-mewt ta' Maria Carmela Ciantar dan il-legat ma jkollu ebda forza billi hadd ma jkun ha hsieb l-istess Maria Carmela Ciantar kif rikjest fit-testment.

Minn dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti mhux gustifikata billi: fl-ewwel lok l-legat imholli in forza

tal-artikolu (4) tat-testment mhux wiehed remuneratorju b'mod li, kif qed jigi sottomess mill-konvenuti, ghandu jigi eskluz mill-assi ereditarji tad-decujus ghal fini tal-komputazzjoni tal-legittima; u fit-tieni lok, anke jekk dan kellu jigi kunsidrat bhala tali, haga li din il-Qorti qedha teskludi kategorikament fl-isfond ta' dak li inghad aktar il-fuq, xorta wahda il-fond mertu tal-"*legat*" ma ghandux jigi eskluz mill-assi ereditarji kemm-il darba b'dan il-lascitu it-testaturi jkunu eccedew d-"disposable portion". Ghalhekk din il-Qorti tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjes kontra taghhom.

Onor Imhallef Albert J. Magri